# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju 2002**

**Numru**

**Citaz.  numru:  1046/00M1 NA**

**Tania Jabal**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Luisa Tufigno b'digriet tat-30 ta' Novembru 2000 gew nominati bhala kuraturi biex jirrapprezentaw lil Abdelmounaim Jabal**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-25 ta' Mejju 2000 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti dahlu f'cerimonja matrimonjali fil-15 ta' Jannar 1992 kif juri l-istess Att taz-Zwieg (Dokument "A");

Illi z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u bla effett minhabba li l-kunsens moghti mill-kontendenti jew min minnhom matul iz-zwieg kien wiehed ivvizzjat;

Illi in effetti meta zzewgu l-kontendenti, l-attrici hasset ruhha kkondizzjonata li tizzewweg;

Illi in oltre l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat billi hu dahal ghac-cerimonja matrimonjali sabiex jisserva bl-attrici u sabiex jakkwista c-cittadinanza Maltija u jkun jista' jirrisjedi Malta. Fil-fatt il-konvenut ftit wara li akkwista c-cittadinanza Maltija, kif juri l-istess Dokument "B", telaq minn Malta w abbanduna lill-attrici;

Illi l-konvenut ihaddan it-twemmin Musulman, huwa dahal ghac-cerimonja matrimonjali mhux ad eskluzjoni li huwa jkollu relazzjonijiet ma' nisa ohra;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnha esebiti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tat-30 ta' Novembru 2000 fejn gew nominati l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut assenti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess kuraturi pprezentati fl-14 ta' Marzu 2001 fejn irriservaw li jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri peress illi ma kienux edotti mill-fatti.

Rat in-nota ta' l-attrici tad-29 ta' Ottubru 2001 li permezz taghha esebit l-affidavit taghha u tax-xhieda ta' Tania Ciancio u Philomena Burrows.

Jirrizulta minn din ix-xhieda illi l-koppja zzewgu wara illi kienu jafu lil xulxin biss ghal xahrejn u dana peress illi l-attrici harget tqila.  Wara z-zwieg il-konvenut ma wera l-ebda affett matrimonjali.  Kien jaghmel granet il-boghod mid-dar, isawwat

lill-attrici u jsakkarha god-dar. Ma kienx imantni la lilha u anqas lill-minuri li twieled minn dan iz-zwieg u spicca biex, wara ftit, abbanduna ghal kollox id-dar matrimonjali.

L-attrici xehdet ukoll *viva voce* fis-seduta tas-16 ta' Nvoembru 2001 fejn sarilha l-kontro-ezami mill-kuratur deputat Dottor Anthony Cutajar. F'din ix-xhieda prattikament tikkonferma x-xhieda minnha moghtija permezz ta' l-affidavit taghha hlief li jirrizulta forsi b'mod aktar car l-intenzjoni tal-konvenut li jizzewweg lill-attrici bl-iskop principali, jekk mhux uniku, li jakkwista c-cittadinanza Maltija.

F'din is-seduta l-attrici ddikjarat li ma kienx fadlilha aktar provi, dikjarazzjoni maghmulha wkoll mill-kuratur deputat wara li kien iddikjara li kien ipprova jikkomunika, minghajr success, mal-konvenut f'zewg indirizzi li gew lilu moghtija. (Effettivament b'nota tat-22 ta' Novembru 2001 huwa esebixxa kopja ta' ittra tas-17 ta' April 2001 mibghutha lill-konvenut f'dan is-sens). Il-kawza ghalhekk giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi mressqa huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, sufficjenti anke f'kawza ta' din in-natura biex hija tasal ghal konkluzzjoni illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat "*b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha*", u dan apparti wkoll illi l-Qorti thoss illi dan l-istess kunsens inkiseb bl-eskluzjoni, jekk mhux taz-zwieg innifsu, almenu ta' whud mill-elementi essenzjali tieghu.  Jezistu ghalhekk ragunijiet sufficjenti biex dan iz-zwieg jigi ddikjarat null a tenur tas-sub-incizi (d) u (f) ta' l-Artikolu 19 (1) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tac-cirkostanzi kollha fuq imsemmija ghalhekk din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg bejn il-kontendenti, u dana bl-ispejjes kollha tal-kawza kontra l-konvenut proprio.

Deputat Registratur

rf.